**191. Il-Ministru ta' l-Intern, Onor. Tonio Borg ressaq din il-Mozzjoni:-**

Billi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Ħabs, il-Ministru ta' l-Intern, bi ftehim mal-Ministeru tal-Finanzi, jista' jagħmel regolamenti dwar l-għoti ta' pensjonijiet lill-persuni li kienu fis-servizz tad-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi jew lir-rappreżentanti legali jew dipendenti tagħhom;

U billi huwa maħsub fis-subartikolu (4) ta' l-imsemmi artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Ħabs li l-ebda regolament li jsir bis-saħħa ta' dan l-artikolu m'għandu jseħħ kemm-il darba ma jkunx irċieva minn qabel l-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati liema approvazzjoni għandha tingħata permezz ta' riżoluzzjoni;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Kamra tad-Deputati tapprova l-abbozz tar-regolamenti ta' l-1999 dwar pensjonijiet għal min jaħdem il-Ħabs miġbura fid-dokument hawn anness għall-għanijiet tas-subartikoli (1) u (4) ta' l-artikolu 10 tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar il-Ħabs, u għall-għanijiet l-oħra kollha ta' l-istess Att.

13.02.01